MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62/2019

L-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar kien skużat. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 61/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

62.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

62.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għal minuti.

62.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li din hija l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura u rringrazzja lil kulħadd għax-xogħol li twettaq għall-ġid tal-lokalita'. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa oħra fejn jiġu ffirmati l-minuti ta' din il-laqgħa biss.

62.3.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fit-18 ta' Ġunju 2019 ser issir iċ-ċerimonja tal-ġurament tal-Kunsill il-ġdid f'Malta filwaqt li ċ-ċerimonja tal-ġurament tas-Sindki ser issir nhar l-1 ta' Lulju 2019 fir-Rabat Għawdex, u għalhekk il-laqgħa tal-Kunsill għall-ħatra tas-Sindku għandha ssir nhar l-1 ta' Lulju 2019 filgħodu.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## 62.4 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill;

62.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn ġew immarkati xi korrezzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.5 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur : Jannar 2019 – Marzu 2019;

62.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li minħabba raġunijiet ta' saħħa fil-familja, l-*Accountant* tal-Kunsill ma laħħaqx ilesti dan ir-rapport u ser jiġi mressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss. Il-membri tal-Kunsill awguraw fejqan ta' malajr lill-membru tal-familja tal-*Accountant*.

## 62.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

62.6.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni dwar sinjali stradali li saru lejlet l-elezzjoni mingħajr permess ta' Transport Malta u mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill. Hu kkundanna dan l-aġir. Huwa qal li hu rrispetta d-deċiżjoni maħruġa mill-Kunsill meta talab biex isiru xi sinjali stradali u minħabba li ma kienux approvati dawn ma sarux. Is-Sindku ingħaqqad mal-Viċi Sindku u kkundanna dan l-aġir u qal li meta kien hemm każ simili ftit ġranet qabel l-elezzjoni huwa ħa passi minnufih. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex is-sinjali stradali li saru mingħajr permess jitneħħew.

## 62.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

62.7.1 Ċirkulari AKL 2019/042 – Grazzi lill-Kunsilliera u Awguri lil dawk li ser jikkontestaw l-Elezzjonijiet Kunsilli Lokali Mejju 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.2 Ċirkulari AKL 2019/043 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.3 Ċirkulari AKL 2019/044 – Aħbar tal-mewt tas-Sa. Grace Pace il-mara tal-

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

Kunsillier Mro John J Pace. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.4 Ċirkulari AKL 2019/045 – Heritage Malta – Skema tal-Passaport tal-Kbar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.5 Ċirkulari AKL 2019/046 – Awguri lill-Ommijiet f'Jum l-Omm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.6 Ċirkulari AKL 2019/047 – Aħbar tal-mewt t'Omm Lisa Cassar Shaw, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.7 Ċirkulari AKL 2019/048 – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – binjiet mixgħula bl-aħmar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.8 Ċirkulari AKL 2019/049 – Aħbar tal-mewt tal-Ex Sindku ta' Ħal Qormi s-Sur Alfred Mallia u missier is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Qormi, is-Sa. Karen Camilleri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.9 Ċirkulari AKL 2019/050 – LOGIN Senior Citizen Passport. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.10 Ċirkulari AKL 2019/051 – Inizjattiva MCCF 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.11 Ċirkulari AKL 2019/052 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 20 – 24/04/19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.12 Ċirkulari AKL 2019/053 – Mental First Aid. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.13 Ċirkulari Numru SPI 7/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.14 Ċirkulari Numru SPI 8/2019 – Attivita' – 'Light up the Night'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.15 Ċirkulari Numru SPI 9/2019 – LC Care Project – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.16 Ċirkulari Numru SPI 10/2019 – Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.17 Ċirkulari Numru DLG 4/2019 – Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019). Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.18 Ċirkulari Numru DLG 5/2019 – Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019) – L-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali għandhom jinżammu magħluqa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.19 Ċirkulari Numru DLG 6/2019 – CCTV Cameras installati mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.20 Ċirkulari Numru DLG 7/2019 – Riforma Gvern Lokali – Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363). Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.21 Ċirkulari Numru DLG 8/2019 – Manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.7.22 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Gerard Kosamui sabiex jikseb permess biex ipoġġi tabelli biex ma jipparkjawx vetturi f'ċertu ħinijiet fl-inħawi ta' : Triq Għar Qawqla, l-Qolla l-Bajda, parti minn Triq ix-Xwejni u Triq il-Menqa. Dan biex jinġibdu xeni għall-produzzjoni tal-film 'Carmen' fi tlett ijiem bejn l-4 ta' Ġunju 2019 u t-13 ta' Ġunju 2019. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

62.7.23 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Deborah Azzopardi obo Image Systems Ltd – Attivita' Soċjali – Xwejni *Salt Pans*– 6 ta' Ġunju 2019;
- Sue Nani – Attivita' Soċjali – Xwejni *Salt Pans* – 5 ta' Ġunju 2019;
- Salvatore Mammone obo Taurus Restaurant – *Duet Band* – Triq il-Port Marsalforn: 1, 13, 20, 27 ta' Ġunju 2019.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

## 62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

62.8.1 Il-minuti tal-laqgħat bin-numru KAM 48/2019 tat-Tnejn 8 t'April 2019 u

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

bin-numru KAM 49/2019 tal-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

62.8.2 Dawn il-minuti ġew iffirmati nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019 mis-Sindku tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex wara li l-Kunsill irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datat nhar is-27 ta' Mejju 2019 li l-Kumitati Amministrattivi tneħħew mil-liġi mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att dwar Gvern Lokali, ossia nhar is-26 ta' April 2019.

## 62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 46/2019 għall-perjodu bejn il-23 t'April 2019 u t-22 ta' Mejju 2019 li tammonta għal €62,335.25 ġiet approvata u ffirmata.

## 61.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 ta' Mejju 2019 fil-11.00 ta' filgħodu biex jiġu ffirmati l-aħħar minuti ta' din il-leġislatura.

Konfermati, illum l-Ħamis 30 ta' Mejju 2019.

*Iffirmata*
Nicky Saliba
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX